



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0261/2014

2.4.2014

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/007 IT/VDC Technologies mill-Italja)

(COM(2014)0119 – C7-0089/2014 – 2014/2025(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Frédéric Daerden

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	10
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI	13
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/007 IT/VDC Technologies mill-Italja) (COM(2014)0119 – C7-0089/2014 – 2014/2025(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0119 – C7-0089/2014),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹ (Regolament tal-FEG),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020², u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar amministrazzjoni finanzjarja tajba³ (FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0261/2014),
- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex jiġu meġġjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol,
- B. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

¹ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

- C. billi l-Italja ressqet l-applikazzjoni EGF/2012/007 IT/VDC Technologies għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, b'segwitu għall-1 164 sensja fil-VDC Technologies SpA u fornitur wieħed b'1 146 ħaddiem fil-mira għal miżuri kofinanzjati mill-FEG, matul il-perjodu ta' referenza mis-26 ta' Frar 2012 sal-25 ta' Ġunju 2012,
- D. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament tal-FEG,
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG huma sodisfatti u li, għalhekk, l-Italja għandha dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;
 2. Jinnota li l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-31 ta' Awwissu 2012 u jiddispijaċih li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biss fil-5 ta' Marzu 2014; jiddeplora l-perjodu ta' evalwazzjoni daqstant twil ta' 19-il xahar, u jemmen li dan id-dewmien imur kontra l-għan tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, jiġifieri li tingħata għajnuna rapida lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja;
 3. Iqis li s-sensji fl-intrapriża VDC Technologies SpA u fornitur wieħed (manifattura tas-settijiet tat-televixin, monitors tat-televixin u skrins kif ukoll apparat tal-arja kundizzjonata) huma marbuta ma' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, li jirreferu għal tfixkil ekonomiku serju għas-settur tal-manifattura ta' tagħmir elettriku minħabba l-kompetizzjoni intensa minn pajjiżi terzi, partikolarment miċ-Ċina;
 4. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinsiltu tagħlimiet mill-bosta applikazzjonijiet għall-FEG ibbażati fuq il-kriterju tal-globalizzazzjoni f'settur partikolari, bil-ħsieb li ssir riforma fil-politika kummerċjali tal-Unjoni, kemm fir-rigward tal-liberalizzazzjoni u kemm tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ;
 5. Jinnota li l-1 164 sensja inkwistjoni flimkien mal-54 sensja minħabba l-istess kawża qabel u wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għandhom impatt negattiv qawwi fuq is-suq tax-xogħol u fuq is-sitwazzjoni ekonomika fiż-żona affettwata li tinsab fir-reġjun tan-NUTS 3 ta' ITI45 Frosinone u fir-reġjun tan-NUTS 2 ta' ITI4 Lazio;
 6. Jilqa' l-fatt li, sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tas-servizzi personalizzati fit-30 ta' Novembru 2012, disa' xhur qabel ma tressqet l-applikazzjoni għall-FEG u ferm qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ mill-FEG għall-pakkett koordinat propost;
 7. Jinnota li l-pakkett koordinat tas-servizzi personalizzati li għandhom jiġu kofinanzjati jinkludi miżuri għar-riintegrazzjoni fl-impjieg ta' 1 146 ħaddiem li nġhataw is-sensja, bħal gwida dwar ix-xogħol/valutazzjoni tal-ħiliet, taħriġ, servizz għall-individwi, appoġġ għall-intraprenditorija, bonus għar-reklutaġġ u kumpens għall-parteciġazzjoni;

8. Jinnota li kważi 40 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandhom aktar minn 55 sena; jiddispjaċih li l-pakkett m'għandux miżuri speċifiċi għal ħaddiema akbar fl-età;
9. Jinnota li l-pakkett fih diversi tipi ta' kumpens finanzjarju: kumpens għal ħaddiema li jgħixu ma' persuni li għandhom bżonn il-kura, kumpens għall-mobilità u kumpens għall-parteċipazzjoni; jindika l-livell relattivament għoli tal-inċentiv għar-reklutaġġ (EUR 6 000 għal kull ħaddiem), madankollu jilqa' l-fatt li din il-miżura hija bbażata fuq il-kundizzjoni li l-ħaddiema jġu offruti kuntratt permanenti jew kuntratt ta' perjodu fiss ta' 24 xahar;
10. Jilqa' l-fatt li kien hemm konsultazzjoni mas-sħab soċjali (it-trejdjunijins CGIL USB, CISAL, CISL, UIL, UGL) dwar il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati, u li n-netwerk lokali ta' appoġġ kien attivat permezz tal-involviment ta' bosta sħab lokali; jilqa' wkoll b'sodisfazzjon li se tiġi applikata l-politika tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni matul id-diversi stadji tal-implimentazzjoni tal-FEG u l-aċċess għalih;
11. Ifakkar fl-importanza li l-impjegabbiltà tal-ħaddiema kollha titjeb permezz ta' taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali tal-ħaddiem; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja, iżda anke għall-ambjent kummerċjali nnifsu;
12. Jilqa' l-fatt li l-pakkett tal-FEG jipprevedi taħriġ għal kull ħaddiem fil-mira; jiddispjaċih madankollu li l-proposta tal-Kummissjoni ma tiddekrivix l-oqsma u s-setturi li se jkunu koperti minn dan it-taħriġ;
13. Jinnota li l-informazzjoni provduta dwar il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; jenfasizza li l-awtoritajiet Taljani kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva dwar dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex tiżgura r-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma tkun tista' sseħħ l-ebda duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;
14. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-FEG, għandu jiġi żgurat li l-FEG jappoġġja r-riintegrazzjoni f'impjieg stabbli tal-ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; jenfasizza, barra minn hekk, li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri attivi fis-suq tax-xogħol li jwasslu għal impjieg dewwiemi u fit-tul; itenni li l-assistenza mill-FEG ma għandha tissostitwixxi la l-azzjonijiet li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas il-miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
15. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rigward ir-Regolament il-ġdid tal-FEG, għall-perjodu 2014-2020, li jintroduċi mill-ġdid il-kriterju tal-

mobilizzazzjoni b'rabta mal-kriżi, iżid il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal 60 % tal-ispejjeż stmati totali tal-miżuri proposti, iżid l-effiċjenza għat-trattament ta' applikazzjonijiet għall-FEG fil-Kummissjoni u mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill billi jitqassar iż-żmien għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni, jżiedu l-azzjonijiet u l-benefiċjarji eliġibbli billi jintroduċu persuni li jaħdmu għal rashom u żgħażaġh, u jiffinanzja inċentivi għat-twaqqif ta' negozji proprji;

16. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-Punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2012/007 IT/VDC Technologies mill-Italja)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006², u b'mod partikolari l-Artikolu 23, it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020³, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁴, u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u biex jiġu meġġuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

¹ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

³ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁴ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

- (2) Il-FEG m'għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013.
- (3) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-FEG, fir-rigward tas-sensji fl-intrapriża VDC Technologies SpA u fornitur wieħed, fil-31 ta' Awwissu 2012 u ssupplimentatha b'tagħrif addizzjonali sas-6 ta' Settembru 2013. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti sabiex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat ammont ta' EUR 3 010 985.
- (4) Minkejja l-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ġie miċħud, dan għandu jkompli japplika għall-applikazzjonijiet imressqa sal-31 ta' Diċembru 2013 bis-saħħa tal-Artikolu 23, it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Italja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2014, għandha tiġi mobilizzata somma ta' EUR 3 010 985 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament taħt l-intestatura tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew Għall-Kunsill
Il-President Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

I. Il-kuntest ġenerali

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹ u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006², il-Fond ma jstax jaqbeż ammont annwali ta' massimu EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011). L-ammonti adattati jiddaħħlu bħala dispożizzjoni fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-proċedura, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba³, sabiex jiġi attivat il-Fond, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-awtorità baġitarja, proposta għal mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess waqt, talba korrispondenti għal trasferiment. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, għandu jinbeda trilogu.

II. L-applikazzjoni tal-VDC Technologies u l-proposta tal-Kummissjoni

Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur l-Italja biex tappoġġja r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li nġhataw is-sensja fl-intrapriża VDC Technologies u fornitur wieħed (manifattura tas-settijiet tat-televixin, monitors tat-televixin u skrins kif ukoll apparat tal-arja kundizzjonata) minħabba tibdil strutturali kbir fl-andament kummerċjali dinji kawża tal-globalizzazzjoni.

Din hija t-tieni applikazzjoni li se tiġi eżaminata fil-kuntest tal-baġit tal-2014 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 3 010 985 mill-FEG għall-Italja. Tirrigwarda 1 164 sensja fl-intrapriża VDV Technologies u fornitur wieħed li jopera fir-reġjun tan-NUTS 3 ta' ITI45 Frosinone u fir-reġjun tan-NUTS 2 ta' ITI4 Lazio b'1 146 ħaddiem fil-mira għall-miżuri kofinanzjati mill-FEG matul il-perjodu ta' referenza mis-26 ta' Frar 2012 sal-25 ta' Ġunju 2012. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Kummissjoni fil-31 ta' Awwissu 2012, u ġiet issupplimentata b'taġhrif addizzjonali sas-6 ta' Settembru 2013. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stipulat fl-Artikolu 2(a) fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-awtoritajiet Taljani jisħqu li bejn l-2008 u l-2011, l-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-UE-27 ta' prodotti klassifikati taħt il-Klassifikazzjoni Standard tal-Kummerċ Internazzjonali (Standard International Trade Classification - SITC)⁴ diviżjoni 76 "Telekomunikazzjonijiet u apparat u

¹ ĠU L_347, 20.12.2013, p. 884.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁴ Il-Klassifikazzjoni Standard tal-Kummerċ Internazzjonali, ir-raba' reviżjoni
http://unstats.un.org/unsd/publication/SeriesM/SeriesM_34rev4E.pdf

tagħmir ta' rrekordjar u riproduzzjoni tal-ħoss" żdiedu bi 18.7%. Matul l-istess perjodu, is-sehem taċ-Ċina fl-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti fl-UE-27 żdied minn 44.0 % għal 52.2 %¹. Din il-bidla fl-andament kummerċjali dinji tista' titqies li kellha impatt sinifikanti fuq il-livelli ta' impjiegi, peress li ntilfu madwar 121 000 impjieg fis-settur tal-manifattura tal-prodotti tal-kompjuter, prodotti elettroniċi u ottiċi fl-UE matul il-perjodu 2008-2011, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 7 %².

L-awtoritajiet Taljani jisħqu li l-attività ekonomika u l-impjiegi fir-reġjun tal-Lazio ġew affettwati bil-qawwa mill-globalizzazzjoni. Fl-2011, il-PDG reġjonali naqas b'−0.3 %³ u d-data għall-ewwel nofs tal-2012 turi tnaqqis fl-esportazzjonijiet fis-setturi industrijali ewlenin tar-reġjun (−28.3 % għall-prodotti taż-żejt mhux maħdum, −19 % għall-mezzi tat-trasport, −6.3 % għall-prodotti tal-kimika, −0.7 % għall-elettronika⁴). L-impjieg totali fil-Lazio naqas b'−0.2 % fl-2011 u b'−0.7 % fl-ewwel kwart tal-2012. Ir-rata tal-qgħad fil-Lazio żdiedet minn 8.5 % fl-2009 għal 10.8 % fl-2012⁵.

Il-pakkett koordinat tas-servizzi personalizzati li għandhom jiġu kofinanzjati jinkludi miżuri għar-riintegrazzjoni fl-impjieg ta' 1 146 ħaddiem, bħal gwida dwar ix-xogħol/valutazzjoni tal-ħiliet, taħriġ, servizz għall-individwi, appoġġ għall-intraprenditorija, bonus għar-reklutaġġ u kumpens għall-parteċipazzjoni.

Skont l-awtoritajiet Taljani, il-miżuri mibdija fit-30 ta' Novembru 2012 flimkien jiffurmaw pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati u jirrappreżentaw miżuri attivi għas-suq tax-xogħol bil-għan li jintegraw mill-ġdid lill-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.

Fir-rigward tal-kriterji inklużi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Taljani fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u m'għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċevux għajnuna minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, l-Italja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita fil-livell nazzjonali mill-Ministeru Taljan tax-Xogħol u tal-Politika Soċjali (Direttorat Ġenerali għall-Politiki Attivi u Passivi), fejn unità (*ufficio*) waħda qiegħda taġixxi bħala awtorità ta' ġestjoni, it-tieni unità qiegħda taġixxi bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni u t-tielet unità bħala l-awtorità tal-awditjar. Ir-reġjun tal-Lazio se jaġixxi bħala l-korp intermedju għall-awtorità ta' ġestjoni fil-livell reġjonali.

¹ Sors: Eurostat (il-kodiċi tad-data online: DS_018995).

² Sors: Eurostat (il-kodiċi tad-data online: lfsq_egan22d).

³ Source: ISTAT.

⁴ Sors: Banca d'Italia.

⁵ Sors: Eurostat.

III. Il-proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba ta' trasferiment għal ammont globali ta' EUR 3 010 985 mir-riżerva tal-FEG (40 02 43) għal-linja baġitarja tal-FEG (04 04 51).

Sal-lum, din hija t-tieni proposta ta' trasferiment għall-mobilizzazzjoni tal-Fond trażmessa lill-Awtorità Baġitarja matul l-2014. L-ammont propost tal-kontribuzzjoni finanzjarja se jħalli aktar minn 25 % tal-ammont massimu annwali allokat għall-FEG disponibbli għal allokkazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif meħtieġ mill-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

It-trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG jista' jieħu forma semplifikata, kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi ġuridika, ħlief jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu jiġi assoċjat fil-proċess, sabiex jipprovdi appoġġ kostruttiv u jagħti kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

EK/nt
D(2014)14583

Is-Sur Alain Lamassoure
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 13E158

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) EGF/2012/007 IT/VDC Technologies mill-Italja (COM(2014)119 final)

Sur President,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżamina l-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ **EGF/2012/007 IT/VDC Technologies** u adotta l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond fir-rigward ta' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL ressaq xi rimarki mingħajr, madankollu, ma tefa' dubju dwar it-trasferiment ta' pagamenti.

Il-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG u għandha l-għan li tappoġġja l 146 ħaddiem mit-total ta' l 218-il ħaddiem li ngħataw is-sensja matul il-perjodu ta' referenza mis-26 ta' Frar 2012 sal-25 ta' Ġunju 2012 u barra l-perjodu ta' referenza fl-intrapriża VDC Technologies SpA u l-fornitur tagħha Cervino Technologies (sussidjarju totali ta' VDC Technologies);
- B) Billi l-awtoritajiet Taljani jisħqu li s-sensji kienu r-riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, bidliet riflessi minn kompetizzjoni intensifikata miċ-Ċina u li kellhom effetti negattivi fuq is-settur tat-telekomunikazzjonijiet u tagħmir ta' rrekordjar u riproduzzjoni tal-ħoss fl-UE;
- C) Billi l-awtoritajiet Taljani juru li bejn l-2008 u l-2011, l-importazzjonijiet miċ-Ċina fl-UE ta' prodotti tat-telekomunikazzjoni u tagħmir ta' rrekordjar u riproduzzjoni tal-ħoss żdiedu bi 18,7 %; billi l-awtoritajiet Taljani jisħqu li dawn il-bidliet fl-andament tal-importazzjoni kellhom effett fuq is-suq tal-impjiegi ta-UE, li huwa stmat li se jitlef 121 000 impjieg;
- D) Billi l-awtoritajiet Taljani jisħqu li l-falliment ta' VDC Technologies u l-fornitur tagħha Cervino Technologies kienet ikkawżata minn diversi fatturi bħat-tnaqqis fid-domanda għal settijiet tat-televixin bi skrin plażma favur skrins LCD, ir-rata tal-kambju xejn favorevoli tal-euro fil-konfront tad-dollari u tnaqqis fil-prezzijiet tas-suq għas-settijiet tat-televixin b'riżultat tat-tnaqqis fl-ispejjeż tal-manifattura;

E) Billi 92,2 % tal-ħaddiema fil-mira tal-miżuri huma rġiel filwaqt li 7,8 % huma nisa; billi 62,2 % tal-ħaddiema għandhom bejn l-24 u l-54 sena u 37,7 % tal-ħaddiema għandhom iktar minn 54 sena;

F) Billi 95,7 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja huma tekniċi u professjonisti assoċjati;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu rigward l-applikazzjoni Taljana:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG (1927/2006) huma sodisfatti u li, għalhekk, l-Italja għandha dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;
2. Jinnota li l-awtoritajiet Taljani ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-31 ta' Awwissu 2012 u jiddispijaċih li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biss fil-5 ta' Marzu 2014; jiddeplora l-perjodu ta' evalwazzjoni daqstant twil ta' 19-il xahar, u jemmen li dan id-dewmien imur kontra l-għan tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, jiġifieri li tingħata għajna rapida lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja;
3. Jilqa' pozzittivament il-fatt li, biex il-ħaddiema jingħataw assistenza rapida, l-awtoritajiet Taljani ddeċidew li jibdeu l-implimentazzjoni tal-miżuri personalizzati fit-30 ta' Novembru 2012, ferm qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ mill-FEG għall-pakkett koordinat propost;
4. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinsiltu tagħlimiet mill-bosta applikazzjonijiet għall-FEG ibbażati fuq il-kriterju tal-globalizzazzjoni f'settur partikolari, bil-ħsieb li ssir riforma fil-politika kummerċjali tal-Unjoni, kemm fir-rigward tal-liberalizzazzjoni u kemm tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ;
5. Jilqa' l-fatt li l-pakkett tal-FEG jipprevedi taħriġ għal kull ħaddiem fil-mira; jiddispijaċih madankollu li l-proposta tal-Kummissjoni ma tiddekrivix l-oqsma u s-setturi li se jkunu koperti minn dan it-taħriġ;
6. Jinnota li kważi 40 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandhom aktar minn 55 sena; jiddispijaċih li l-pakkett m'għandux miżuri speċifiċi għal ħaddiema akbar fl-età;
7. Jinnota li l-pakkett fih diversi tipi ta' kumpens finanzjarju: kumpens għal ħaddiema li jgħixu ma' persuni li għandhom bżonn il-kura, kumpens għall-mobilità u kumpens għall-parteċipazzjoni; jindika l-livell relattivament għoli tal-inċentiv għar-reklutaġġ (EUR 6 000 għal kull ħaddiem), madankollu jilqa' l-fatt li din il-miżura hija bbażata fuq il-kundizzjoni li l-ħaddiema jiġu offruti kuntratt permanenti jew kuntratt ta' perjodu fiss ta' 24 xahar;
8. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati ġie kkonsultat mas-sħab soċjali u li n-netwerk lokali ta' appoġġ ġie attivat permezz tal-involviment ta' diversi sħab lokali.

Dejjem tiegħek,

Pervenche Berès

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	31.3.2014
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Göran Färm, Věra Flasarová, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Andrej Plenković, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jürgen Klute, Paul Rübig